Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Nru. 496 APRIL 2018

# NGĦOŻŻU DAK LI HU SABIĦ U TAJJEB

## (SILTA MILL- ITTRA PASTORALI TAR-RANDAN 2018)

... Din is-sena aħna l-Isqfijiet qegħdin nistiednu lilkom, membri tal-poplu ta' Alla f'dawn il-gżejjer, biex fid-dawl tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, nixtarru s-sejħa li għandna biex ngħixu ħajja tajba u sabiħa. Hu f'dan id-dawl li aħna nħarsu wkoll lejn din is-sena meta l-Belt Valletta hija l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura. Hi sejħa għalina biex ngħożżu s-sabiħ u t-tajjeb.

... Fit-Trasfigurazzjoni Ġesù juri lilu nnifsu bħala "Dawl minn Dawl". L-Appostlu Missierna San Pawl jistedinna biex aħna nimxu ta' wlied id-dawl. Jekk Ġesù huwa dawl bħala Iben, aħna wkoll irridu nkunu dawl bħala wlied.

... Fl-Għid li ġej, b'mod speċjali fil-liturġija sabiħa tal-velja qaddisa ta' Sibt il-Għid, aħna se jkollna d-dawl ta' Kristu f'idejna meħud minn xemgħa waħda, mill-blandun, u dakinhar dik ix-xemgħa mixgħula tfakkarna f'din is-sejħa li aħna nkunu wlied id-dawl. Il-fjamma tagħna hija ċkejkna, imma tista' tagħti faraġ u serħan f'kull ambjent fejn hemm id-dlam, fejn hemm it-taqtigħ il-qalb, fejn hemm is-swied il-qalb. Aħna u nimmeditaw is-sbuħija ta' Ġesù fuq il-Muntanja Tabor, il-messaġġ tagħna jrid ikun messaġġ li jimla lil kull wieħed u waħda minna b'kuraġġ kbir, b'tama ġdida. Dan hu li jagħmilna dixxipli tal-Mulej. Il-Papa Franġisku jistqarr: "Li nkunu dixxipli jfisser li jkollna dispożizzjoni permanenti biex inwasslu l-imħabba ta' Ġesù lill-oħrajn, u dan iseħħ b'mod spontanju kullimkien, fit-triq, fil-pjazza, fuq ix-xogħol, tul il-vjaġġ" (*Il-Ferħ tal-Evanġelju*, par. 127).

Aħna u niċċelebraw il-kultura Mediterranja tagħna fil-qafas tal-kultura Ewropea, aħna nifirħu wkoll bis-sejħa li kellna sa mill-bidu nett tax-xandir tal-Evanġelju li nkunu wlied id-dawl, li nkunu msaħħrin bis-sbuħija ta' Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, li fil-Ġimgħa l-Kbira jagħti ħajtu għalina u fl-Għid il-Kbir jirxoxta għalina. ...

## Appuntamenti mid-Djarju...

### Ġabra b'risq il-Fondazzjoni Arka
**Ħadd il-Ħniena Divina**

Il-ġabra ssir fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd, 7 u 8 ta' April 2018.



### FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA
**IL-ĦADD, 8 TA' APRIL 2018**

***Ġesù, Jiena Nafda Fik.***

Ġesù kien qal lill-Santa Fawstina Kowalska: "Jiena nixtieq li l-Festa tal-Ħniena Divina tkun iċċelebrata b'Solennità kbira fl-Ewwel Ħadd ta' wara l-Għid... Dawk kollha li jxerrdu l-qima lejn il-Ħniena Tiegħi, jien inħarishom tul ħajjithom kollha bħalma omm ħanina tħares lit-tfal tagħha, u fis-siegħa ta' mewthom ma nkunx imħallef għalihom iżda s-Salvatur Ħanin..." (mid-Djarju ta' Santa Fawstina Kowalska.)

### IL-55 KUNGRESS DJOĊESAN
**TAX-XIRKA TAL-ISEM IMQADDES TA' ALLA**

**Il-Ħadd 15 ta' April 2018**
**Parroċċa tal-Fontana**

***"Huma għad iħarsu lejn min nifdu"*** *(Żak.12,10)*

Il-Korteo jitlaq minn ħdejn it-Tomba fil-5.30.pm sal-Knisja Parrokkjali tal-Fontana. Jippresidi l-E. T. Mons Isqof Mario Grech.




### Jum il-Vokazzjonijiet
**Il-Ħadd 22 ta' Mejju 2018**

Inħeġġu biex isir talb għal dan il-għan fil-komunitajiet, fil-gruppi u fil-familji tagħna, filwaqt li niftakru fis-Seminaristi tagħna u fil-kandidati kollha għas-Saċerdozju l-Ħajja Kkonsagrati.

### JUM TA' TALB FAVUR AMBJENT MORALMENT NADIF

Attività organizzata mill-Azzjoni Kattolika, li tinkludi pellegrinaġġ l-Erbgħa 25 ta' April mill-Awrikarja Ta' Pinu fil-5.30pm, b'waqfiet quddiem in-niċċ, u quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu fis-6.30pm mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech. L-istedina hi miftuħa għal kulħadd.

### ID-DJOĊESI TAGĦNA TIFRAĦ MA' MONS. ARĊISQOF ALFRED XUEREB NUNZJU APPOSTOLIKU GĦALL-KOREA U L-MONGOLJA



It-Tnejn 19 ta' Marzu li għaddu, Solennità ta' San Ġużepp, Papa Franġisku kkonsagra lil Mons. Alfred Xuereb Arċisqof Titulari ta' Amantea. Qabel jitlaq lejn il-Korea, l-Arċisqof Xuereb bħalissa jinsab fostna. Fl-ewwel ġimgħa ta' April, l-Arċisqof Xuereb se jippresiedi ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi:

- Il-Ġimgħa 6 ta' April: Quddiesa fis-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana (7pm)
- Is-Sibt 7 ta' April: Quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem (7pm)
- Il-Ħadd 8 ta' April: Quddiesa fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, bis-sehem tal-Isqof Mario Grech u l-Isqof George Bugeja OFM, u l-kleru Għawdxi (11.15am).

| | |
|---|---|
| **1. Il-Ħadd** | **Ħadd il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Sena B.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8pm). |
| **2 – 8 It-Tnejn** | **Ottava tal-Għid. Jibda t-tberik tal-Familji.** |
| 4. L- Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Attività għall-Adoloxxenti Ta' Pinu (Azzjoni Kattolika). |
| 5. Il-Ħamis | Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 6. Il-Ġimgħa | L-ewwel Gimgħa tax-Xahar. Tqarbina riparatriċi<br>Quddiesa għall-Professjonisti u Gradwati, anke koppji (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II Victoria). |
| 7. Is-Sibt | Jum Dinji tas-Saħħa (ĠM).<br>Mument ta' formazzjoni għas-Saċerdoti Żona A (Manresa - 11am).<br>Is-17 il-dehra tal-Madonna ta' Lourdes. / Ċenaklu Azzjoni Kattolika Victoria fl- 4.30pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina, Victoria (Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **8. Il-Ħadd** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew il-Ħadd tal-Ħniena Divina.**<br>**Ġabra Djoċesana b'risq Dar l-Arka.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8pm). |
| 9. It-Tnejn | It-Tħabbira tal-Mulej (Il-Lunzjata). Solennità trasferita.<br>Festa ta' Marija Annunzjata fil-Knisja tal-Lunzjata (Victoria): fis-6.30pm Quddiesa mill-E.T.Mons Isqof Mario Grech, u wara Supplika u barka Sagramentali. |
| 11. L-Erbgħa | San Stanislaw, Isqof u Martri. Tifkira (O).<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II, Victoria, fis-7.30pm). |
| 12. Il-Ħamis | San Ġużepp Muscati (Tifkira). / Laqgħa għall-Għalliema Yr.1 (SF). |
| 13. Il-Ġimgħa | San Martin I, Papa u Martri. Tifkira.<br>*Late Applications* Form I fl-iskejjel tal-Knisja. |
| 14. Is-Sibt | Mument ta' Formazzjoni għas-saċerdoti Żona B (Manresa fil-11am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-tajjeb, Victoria, Quddiesa ft-8.30pm u Quddiesa f'nofsillejl). |
| **15. Il-Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid. Sena B.**<br>**Tiftaħ il-Ġimgħa ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.**<br>Il-55 Kungress Djoċesan tal-Isem Imqaddes ta' Alla (Parroċċa Fontana, Għawdex): Il- Korteo jitlaq minn ħdejn it-Tomba fil-5.30pm. għall-Knisja Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana).<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8pm). |
| 16. It-Tnejn | Santa Bernardetta Soubirous. Tifkira. |
| 17. It-Tlieta | San Elija Profeta ( Tifkira). / Laqgħa Għalliema Yr.2 (SF). |
| 18. L-Erbgħa | Każ Morali għas-saċerdoti (Seminarju fil-4pm.) |
| 19. Il-Ħamis | Laqgħa Djoċesana għall-Kandidati kollha tal-Griżma tal-Isqof (San Ġorġ: 4.45pm).<br>Laqgħa Għalliema Yr. 3 (SF).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 20. Il-Ġimgħa | Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II – 8pm). |
| 21. Is-Sibt | San Anselmu, isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Mument ta' Formazzjoni għas-saċerdoti Żona Ċ (Manresa fil-11am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Knisja tal-Madonna tal-Karmnu Ta' Ħamet – Quddiesa fit- 8.30pm u f'nofsillejl. |
| **22. Il-Ħadd** | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid. Sena B.**<br>**Jum il-Vokazzjonijiet.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8pm). |
| 23. It-Tnejn | San Ġorġ Martri, Patrun tal-Belt Vittorja u Protettur tal-Għawdxin. Tifkira (O). |
| 24. It-Tlieta | San Fidiel ta' Sigmaringen, Presbiteru u Martri. Tifkira.<br>AKSK (Seminarju). |
| 25. L-Erbgħa | San Mark, Evanġelista. Festa.<br>KKSK (Seminarju). / Formazzjoni għar-Reliġjużi, Membri tal-Istituti Sekulari u Lajċi Kkonsagrati (Sorijiet Klarissi – 4pm.)<br>Attività Ta' Pinu għall-Wucwo Day u bħala ftuħ tal-Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif u b'Saħħtu.(A.K.). fil-5.30pm. |
| 26. Il-Ħamis | Il-Verġni Marija Omm tal-Parir it-Tajjeb. Tifkira. |
| 27. Il-Ġimgħa | San Pietru Kanisju, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Jittellgħu l-Poloz għall-Form 1 (Sem/Kons. Sek).<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II, Victoria). |
| 28. Is-Sibt | Santa Ġanna Beretta Molla, Omm tal-Familja. Tifkira (O).<br>Mument ta' Formazzjoni għas-saċerdoti Żona D (Manresa fil-11am).<br>Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati (Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria – fis- 7-9pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta'Santu Wistin, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **29. Il-Ħadd** | **Il-Ħames Hadd tal-Għid. Sena B.**<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria: 5.30pm u fit-8pm). |
| 30. It-Tnejn | San Piju V, Papa. Tifkira(O).<br>Joħorġu l-Applikazzjonijiet għal Kinder 2 -Year 6 tal-Iskejjel tal-Knisja. |